KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fil-11 ta' Ġunju 2020[1]

Kawża C-302/19

Istituto Nazionale della Previdenza Sociale
vs
WS

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2011/98/UE — Drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom permess uniku — Artikolu 12 — Dritt għal ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tas-sigurtà soċjali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi lill-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terz li ma jkunux residenti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-intitolament għal benefiċċju tal-familja"

I. Introduzzjoni

1. Permezz tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja) qiegħda tfittex gwida mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru[2].

2. L-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 jagħti liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkollhom permess uniku d-dritt għal ugwaljanza fit-trattament bħal ċittadini tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tas-sigurtà soċjali. Il-kwistjoni prinċipali li tirriżulta f'din il-kawża hija dwar jekk dan l-artikolu jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, b'differenza mid-dispożizzjonijiet stabbiliti għal ċittadini tal-Istat Membru ospitanti, teskludi lill-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terz li ma jirrisjedux f'dan l-Istat għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-intitolament għal benefiċċju tal-familja.

3. Konsegwentement, din il-kawża tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar id-dritt għal ugwaljanza fit-trattament tad-detenturi ta' permess uniku skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98, fid-dawl tas-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva (C-449/16, EU:C:2017:485).

4. Din il-kawża qiegħda tinstema' mill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod parallel ma' kawża oħra, Istituto Nazionale della Previdenza Sociale (Benefiċċji tal-Familja għal Residenti fit-Tul) (C-303/19), li fiha l-konklużjonijiet tiegħi qegħdin jiġu ppreżentati llum. F'dik il-kawża, il-qorti tar-rinviju tqajjem kwistjoni simili dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 ĠU 2011, L 343, p. 1.

25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul[3], jiġifieri jekk l-istess esklużjoni applikabbli għal ċittadini ta' pajjiż terz li l-membri tal-familja tagħhom ma jirrisjedux fl-Istat Membru ospitanti hijiex konsistenti mad-dritt għal ugwaljanza fit-trattament mogħti lil residenti fit-tul skont din id-direttiva.

5. Fundamentalment, dawn iż-żewġ kawżi jqajmu kwistjonijiet ġodda rigward l-applikazzjoni tal-ugwaljanza fit-trattament ta' ċittadini ta' pajjiż terz skont id-dritt tal-Unjoni u r-relazzjoni bejn id-Direttivi 2003/109 u 2011/98 f'dan ir-rigward. Huma għandhom ukoll implikazzjonijiet potenzjali fuq direttivi oħra li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza fit-trattament ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas tal-migrazzjoni legali tal-Unjoni[4].

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

6. Il-premessi 20 u 24 tad-Direttiva 2011/98 jistabbilixxu:

"(20) Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu u jaħdmu legalment fl-Istati Membri għandhom igawdu mill-inqas ġabra komuni ta' drittijiet imsejsa fuq it-trattament ugwali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti rispettiv tagħhom, irrispettivament mill-għan inizjali tal-ammissjoni jew il-bażi għaliha. Id-dritt għat-trattament ugwali fl-oqsma speċifikati minn din id-Direttiva għandu jingħata mhux biss lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi fi Stat Membru biex jaħdmu iżda wkoll lil dawk kollha li ġew ammessi għal finijiet oħra u ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru skont dispożizzjonijiet oħra ta' liġi tal-Unjoni jew nazzjonali inklużi l-membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiż terz li huma ammessi fl-Istat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja([5]); […].

(24) Ħaddiema ta' pajjiżi terzi għandhom igawdu trattament ugwali f'dak li jirrigwarda s-sigurtà soċjali. Il-fergħat tas-sigurtà soċjali huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali([6]). Id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali rigward is-sigurtà soċjali f'din id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għall-ħaddiema li jiġu ammessi fi Stat Membru direttament minn pajjiż terz. Madankollu, din id-Direttiva m'għandhiex tagħti lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi aktar drittijiet minn dawk diġà pprovduti fil-liġi eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Barra minn hekk, din id-Direttiva m'għandhiex tagħti drittijiet fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li huma barra mill-ambitu tal-liġi tal-Unjoni, bħal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' membri tal-familja li jirrisjedu f'pajjiż terz. Din id-Direttiva tagħti drittijiet biss b'rabta ma' membri tal-familja li jingħaqdu ma' ħaddiem tal-pajjiż terz biex jirrisjedu fi Stat Membru abbażi tar-riunifikazzjoni tal-familja jew membri tal-familja li jkunu diġà residenti legalment f'dak l-Istat Membru."

3 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272.

4 Ara, b'mod partikolari, id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (riformulazzjoni) (ĠU 2016, L 132, p. 21), l-Artikolu 22, li jirreferi għad-dispożizzjonijiet ta' ugwaljanza fit-trattament previsti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98. Ara wkoll il-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224.

6 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

7. L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98, intitolat "Dritt għal trattament ugwali", jipprovdi:

"1. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi, kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) għandhom igawdu minn trattament ugwali maċ-ċittadini tal-Istat Membru fejn jirrisjedu fir-rigward ta': […]

(e) fergħat tas-sigurtà soċjali, kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004; […]

2. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu t-trattament ugwali: […]

(b) billi jillimitaw id-drittijiet konferriti fuq ħaddiema ta' pajjiżi terzi taħt il-punt (e) tal-paragrafu 1, iżda ma jillimitawx tali drittijiet mogħtija lil ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkollhom impjieg jew li jkunu f'impjeg għal mhux anqas minn sitt xhur u li jkunu reġistrati bħala qiegħda.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-punt (e) tal-paragrafu 1 rigward il-benefiċċji għall-familja ma għandux japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu awtorizzati jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru għal perijodu ta' żmien li ma jeċċedix is-sitt xhur, għal ċittadini ta' pajjizi terzi li ġew ammessi għall-fini ta' studju, jew għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom il-permess jaħdmu abbażi ta' viża."

B. Id-dritt Taljan

8. L-Artikolu 2 tad-Decreto legge 13 marzo 1988, n. 69, Norme in materia previdenziale, per il miglioramento delle gestioni degli enti portuali ed altre disposizioni urgenti (id-Digriet-Liġi Nru 69, tat-13 ta' Marzu 1988, Dispożizzjonijiet dwar is-Sigurtà Soċjali, għat-Titjib tal-Ġestjoni tal-Organi Portwali u Dispożizzjonijiet Urġenti Oħra), li, permezz ta' emendi, ġie kkonvertit fil-Liġi Nru 153 tat-13 ta' Mejju 1988 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 153/1988") (GURI Nru 143 tal-20 ta' Ġunju 1988), introduċa l-assegno per il nucleo familiare (iktar 'il quddiem l-"allowance għan-nuklei familjari"). Dan l-artikolu jipprovdi:

"1. Għall-ħaddiema u l-benefiċjarji ta' pensjonijiet u benefiċċji tas-sigurtà soċjali li jirriżultaw mill-impjieg […], allowances tal-familja, allowances supplimentari tal-familja u kull benefiċċju ieħor tal-familja ta' kwalunkwe isem […] għandhom jiġu ssostitwiti, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu, bl-allowance għan-nuklei familjari.

2. L-allowance għandha titħallas b'rati differenti abbażi tan-numru ta' membri tal-familja u tad-dħul tan-nukleu familjari, skont it-tabella annessa ma' dan id-digriet. Il-livelli ta' dħul indikati f'din it-tabella għandhom jiżdiedu […] għan-nuklei familjari li jinkludu individwi li, minħabba diżabbiltà jew indeboliment mentali jew fiżiku, jinsabu f'inkapaċità totali u permanenti li jokkupaw impjieg bi ħlas jew, jekk minuri, jesperjenzaw diffikultajiet persistenti fit-twettiq tal-inkarigi u l-funzjonijiet skont l-età tagħhom. Dawn il-livelli ta' dħul għandhom jiżdiedu […] jekk l-individwi deskritti fil-paragrafu 1 ikunu romol, iddivorzjati, isseparati legalment jew mhux miżżewġa. B'effett mill-1 ta' Lulju 1994, fejn in-nukleu familjari deskritt fil-paragrafu 6 jinkludi żewġt itfal jew iktar, l-ammont mensili tal-allowance pagabbli għandu jiżdied […] għal kull wild, bl-esklużjoni tal-ewwel wieħed.

[…]

6. In-nukleu familjari għandu jkun kompost mill-konjuġi, bl-esklużjoni tal-konjuġi sseparati legalment u *de facto*, u mit-tfal u l-ekwivalenti […] li għandhom inqas minn 18-il sena jew indipendentement mill-età tagħhom meta, minħabba diżabbiltà jew indeboliment mentali jew fiżiku, ikunu jinsabu f'inkapaċità totali u permanenti li jokkupaw impjieg bi ħlas. […]

6-bis. Nukleu familjari kif deskritt fil-paragrafu 6 ma għandux jinkludi konjuġi u tfal u l-ekwivalenti ta' ċittadini barranin li ma humiex residenti fit-territorju tar-Repubblika, ħlief jekk l-Istat li dan iċ-ċittadin barrani jkun ċittadin tiegħu jiġi suġġett għal reċiproċità ma' ċittadini Taljani jew fejn tkun ġiet konkluża konvenzjoni internazzjonali dwar allowances tal-familja. L-Istati li għalihom japplika l-prinċipju ta' reċiproċità għandhom jiġu stabbiliti mill-Ministru tax-Xogħol u tas-Sigurtà Soċjali, wara konsultazzjoni mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin. […]"

9. Id-Direttiva 2011/98 ġiet trasposta fid-dritt Taljan permezz tad-Decreto legislativo 4 marzo 2014, n. 40, Attuazione della direttiva 2011/98/UE relativa a una procedura unica di domanda per il rilascio di un permesso unico che consente ai cittadini di Paesi terzi di soggiornare e lavorare nel territorio di uno Stato membro e a un insieme comune di diritti per i lavoratori di Paesi terzi che soggiornano regolarmente in uno Stato membro (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 40 tal-4 ta' Marzu 2014 dwar it-Traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/98/UE, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 40/2014") (GURI Nru 68 tat-22 ta' Marzu 2014).

III. Il-fatti, il-proċedura u d-domanda preliminari

10. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, WS huwa ċittadin ta' pajjiż terz li kellu permess li jwettaq xogħol bi ħlas fl-Italja mid-9 ta' Diċembru 2011, u permess uniku ta' xogħol mit-28 ta' Diċembru 2015 skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 40/2014 li jittrasponi d-Direttiva 2011/98. Minn Jannar sa Ġunju 2014 u mbagħad minn Lulju 2014 sa Ġunju 2016, il-mara u ż-żewġt itfal ta' WS irrisjedew fil-pajjiż terz ta' oriġini (is-Sri Lanka)[7].

11. Għal dawn il-perijodi, l-Istituto Nazionale della Previdenza Sociale (l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali, l-Italja, iktar 'il quddiem l-"INPS") irrifjuta li jħallas lil WS l-allowance għan-nuklei familjari minħabba li, għal ċittadini ta' pajjiż terz, l-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 jeskludi membri tal-familja li ma jirrisjedux fl-Italja mill-kalkolu ta' din l-allowance.

12. WS ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni tal-INPS quddiem it-Tribunale Giudice del Lavoro di Alessandria (il-Qorti Industrijali ta' Alessandria, l-Italja). Insostenn tar-rikors tiegħu, huwa sostna li l-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 huwa inkompatibbli mad-dritt tiegħu għal ugwaljanza fit-trattament skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98, sa fejn din il-leġiżlazzjoni tittratta lil ċittadini ta' pajjiż terz b'mod inqas favorevoli minn ċittadini tal-Istat Membru ospitanti. Din il-qorti ċaħdet ir-rikors tiegħu.

13. WS appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Corte d'appello di Torino (il-Qorti tal-Appell ta' Torino, l-Italja). Din il-qorti laqgħet l-appell ta' WS, billi ddeċidiet abbażi tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98 li l-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 huwa diskriminatorju u ma applikatux.

14. L-INPS appella fil-kassazzjoni sabiex is-sentenza tal-appell tiġi rrevokata, billi invoka aggravju wieħed fid-dritt ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98 u tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 40/2014.

15. Il-qorti tar-rinviju indikat li l-allowance għan-nuklei familjari hija suppliment finanzjarju li huwa disponibbli partikolarment għall-persuni kollha li jaħdmu fl-Italja, sakemm dawn ikunu jappartjenu għal nukleu familjari li d-dħul tiegħu ma jaqbiżx ċertu limitu. L-ammont ta' din l-allowance huwa kkalkolat skont in-numru ta' membri tan-nukleu familjari, in-numru ta' tfal u d-dħul tan-nukleu familjari. Għall-impjegati, il-ħlas isir mill-persuna li timpjega flimkien mal-ħlas tas-salarju, abbażi ta'

7 Skont l-osservazzjonijiet ta' WS u tal-Gvern Taljan, il-mara u ż-żewġt itfal ta' WS ma kinux residenti fl-Italja bejn Jannar 2014 u Ġunju 2015, u wara dan il-perijodu, huma stabbilixxew ruħhom fl-Italja fejn jirrisjedu legalment. Peress li dawn il-kwistjonijiet jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju, ma iniex ser nevalwahom f'iktar dettall.

rata perċentwali applikata għas-salarju gross tal-impjegat, u l-INPS imbagħad jagħmel aġġustament finali bejn l-ammonti mħallsa mill-persuna li timpjega u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li huwa għandu jħallas. Il-qorti tar-rinviju qieset li, minkejja l-ġurisprudenza tagħha li tiddefinixxi n-natura tal-allowance għan-nuklei familjari bħala marbuta mas-sigurtà soċjali u mal-assistenza soċjali, din l-allowance taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98.

16. Il-qorti tar-rinviju osservat, *inter alia*, li l-membri tan-nukleu familjari huma ta' importanza essenzjali fl-iskema tal-allowances u essenzjalment jitqiesu bħala benefiċjarji tal-allowance. Hija għaldaqstant staqsiet dwar jekk l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988, li skontha l-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terz, u mhux dawk ta' ċittadini Taljani, huma esklużi min-nukleu familjari meta r-residenza tagħhom ma tkunx fl-Italja u meta ma jeżistux kundizzjonijiet ta' reċiproċità mal-pajjiż ta' ċittadinanza tagħhom, fid-dawl tal-premessi 20 u 24 ta' din id-direttiva li jirrigwardaw il-membri tal-familja li jirrisjedu fl-Istat Membru.

17. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-kawża prinċipali u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn detenturi tal-permess uniku ta' residenza u ta' xogħol u ċittadini nazzjonali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi, bil-kontra ta' dak li huwa previst fir-rigward taċ-ċittadini tal-Istat Membru, li l-membri tal-familja tal-ħaddiem detentur ta' permess uniku u li ġej minn pajjiż terz, jekk huma jirrisjedu fil-pajjiż terz ta' oriġini, huma esklużi miċ-ċirku tal-membri tan-nukleu familjari meħuda inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-allowance għan-nuklei familjari?"

18. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-INPS, minn WS, mill-Gvern Taljan u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet ipparteċipaw ukoll fis-seduta li nżammet fis-27 ta' Frar 2020.

IV. Sommarju tal-osservazzjonijiet tal-partijiet

19. L-INPS isostni li r-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun fin-negattiv. Huwa jsostni li, fir-rigward tal-pajjiżi terzi, huwa diffiċli li jiġu vverifikati l-eżistenza ta' benefiċċji oħra tal-familja mħallsa barra mill-pajjiż lill-istess membri tal-familja u tibdiliet fis-sitwazzjoni familjari li jistgħu jaffettwaw id-dritt li jirċievu l-allowance għan-nuklei familjari. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, l-esklużjoni ta' membri tal-familja mhux residenti fl-Italja fl-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 – li tapplika biss għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew ftehim internazzjonali mal-Italja li jkopri benefiċċji tal-familja jew li jirriżervaw trattament reċiproku għal ċittadini Taljani, u ma tapplikax għal ċittadini Taljani jew ċittadini tal-Unjoni – hija proporzjonata u raġonevoli, peress li hija intiża li tipprevjeni li din l-allowance tiddevja mill-funzjoni tagħha ta' sostenn effettiv għall-unità tal-familja. Din il-leġiżlazzjoni tiddistingwi wkoll sitwazzjonijiet li huma oġġettivament differenti minn xulxin, peress li ċittadin ta' Stat Membru jgawdi minn relazzjoni permanenti u oriġinali ma' dan l-Istat, filwaqt li ċittadin ta' pajjiż terz għandu relazzjoni akkwistata u ġeneralment temporanja mal-imsemmi Stat Membru.

20. L-INPS isostni li l-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 huwa konsistenti mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98. Skont l-INPS, mill-Artikolu 3(1) u mill-premessi 8, 19, 20, 24 u 26 ta' din id-direttiva jsegwi li ma huwiex biżżejjed li l-ħaddiem ta' pajjiż terz jirrisjedi fl-Italja, peress li l-membri tal-familja huma benefiċjarji tal-allowance għan-nuklei familjari u għandhom għalhekk jirrisjedu fit-territorju nazzjonali. Huwa jenfasizza wkoll li l-allowance għan-nuklei familjari hija

differenti mill-benefiċċju li ta lok għas-sentenza Martinez Silva[8], partikolarment minħabba li din l-allowance toriġina minn relazzjoni ta’ impjieg, hija ffinanzjata minn kontribuzzjonijiet obbligatorji mħallsa mill-persuni li jimpjegaw u mill-ħaddiema, u tirreferi b’mod preċiż għall-membri tan-nukleu familjari. Kif huwa enfasizza fis-seduta, l-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 ma jaffettwax id-dritt ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz għall-allowance, iżda biss l-ammont, u huwa konformi mal-għan tad-Direttiva 2011/98 li tippromwovi l-integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz fl-Istati Membri.

21. WS isostni li l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 u l-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni. Skont WS, konformement mal-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 153/1988, persuni li jaħdmu fl-Italja, li għalihom tapplika s-sistema ta’ remunerazzjoni u kontribuzzjonijiet skont id-dritt Taljan, huma suġġetti, fir-rigward tal-allowance għan-nuklei familjari, għal trattament differenti minħabba n-nazzjonalità: ħaddiema ta’ pajjiż terz, mhux bħal ħaddiema Taljani, ma jistgħux jinkludu fin-nukleu familjari tagħhom il-membri tal-familja li jirrisjedu barra għall-finijiet ta’ intitolament għal din l-allowance u l-kalkolu tal-ammont tagħha. Minħabba li l-Italja tieħu inkunsiderazzjoni għaċ-ċittadini tagħha membri tal-familja li jirrisjedu barra, hija għandha tagħmel l-istess għal ċittadini ta’ pajjiż terz skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98. Soluzzjoni differenti tmur kontra l-għanijiet tal-ugwaljanza u l-koeżjoni soċjali espressi fil-premessa 19 ta’ din id-direttiva.

22. WS isostni li l-premessa 20 tad-Direttiva 2011/98 ma hijiex rilevanti għal din il-kawża, peress li l-funzjoni tagħha hija li testendi d-dritt għal ugwaljanza fit-trattament għal ċerti destinatarji u mhux li tillimita dan id-dritt. Lanqas ma hija applikabbli l-premessa 24 ta’ din id-direttiva, peress li l-allowance għan-nuklei familjari hija ggarantita esklużivament għall-ħaddiem, u l-membri tal-familja ma għandhom l-ebda dritt għaliha. WS jenfasizza li r-residenza tal-membri tal-familja tal-ħaddiem ta’ pajjiż terz ma tissemmiex fl-Artikolu 12(2)(b) tad-Direttiva 2011/98, li jistabbilixxi r-restrizzjonijiet għall-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tas-sigurtà soċjali, u li l-formulazzjoni tal-premessa 24 ta’ din id-direttiva ma tkoprix każijiet li fihom membri tal-familja li jirrisjedu barra mill-pajjiż jikkostitwixxu element fid-determinazzjoni tal-benefiċċji mogħtija lill-ħaddiem ta’ pajjiż terz li jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti. WS jippreżupponi li jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jillimita l-ugwaljanza fit-trattament b’dan il-mod, huwa kien jagħmel dan espressament u mhux isemmi dan il-punt sempliċement fi premessa.

23. Kif enfasizza WS fis-seduta, l-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 jaffettwa d-dritt taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz għall-allowance, u mhux biss l-ammont, jekk il-membri kollha tal-familja jkunu jirrisjedu barra mill-pajjiż. Fil-fehma ta’ WS, lanqas ma hemm inkonsistenza mad-Direttiva 2003/109, peress li l-ugwaljanza fit-trattament ta’ residenti fit-tul skont din id-direttiva hija usa’ minn dik ta’ detenturi ta’ permess uniku skont id-Direttiva 2011/98, u għalhekk tinkludi s-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali u l-protezzjoni soċjali, mingħajr restrizzjonijiet speċifiċi għall-benefiċċji tal-familja, b’mod li ma jinbidilx it-trattament globali mogħti lil dawn il-kategoriji ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz skont dawn iż-żewġ direttivi. WS iżid li l-kontrolli tal-allowances fir-rigward ta’ membri tal-familja li jirrisjedu barra mill-pajjiż huma distinti mill-ugwaljanza fit-trattament u, fi kwalunkwe każ, ma jinbidlux skont jekk is-sitwazzjoni tkunx tikkonċerna l-membri tal-familja ta’ ċittadini Taljani li ma humiex residenti jew dawk ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li jirrisjedu fl-Italja.

24. Il-Gvern Taljan isostni li l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 u l-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni. Huwa jindika li l-allowance għan-nuklei familjari hija ffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji tal-assigurazzjoni tal-persuna li timpjega u hija għaldaqstant parti mis-sigurtà soċjali. Huwa jsostni li r-raġunijiet għall-esklużjoni ta’ membri tal-familja ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li ma humiex residenti huma dovuti għan-natura ta’ din l-allowance, għall-għan tagħha u għall-kundizzjonijiet neċessarji għall-għoti tagħha, flimkien mal-għan li jiġu evitati prattiki abbużivi, bħall-forum shopping, fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

8 Sentenza tal-21 ta’ Ġunju 2017 (C-449/16, EU:C:2017:485).

25. Skont il-Gvern Taljan, din l-esklużjoni ma hijiex kuntrarja għad-Direttiva 2011/98. Huwa jasserixxi li l-Artikolu 12(1)(e) ta' din id-direttiva, li jkopri l-allowance għan-nuklei familjari, jagħti ugwaljanza fit-trattament biss lil ħaddiema ta' pajjiż terz li huma ddefiniti fih. Għalhekk, dan l-artikolu ma jagħtix lill-membri tal-familja dritt għal ugwaljanza fit-trattament fir-rigward ta' skemi li huma l-benefiċjarji diretti tagħhom, bħal fil-każ tal-allowance għan-nuklei familjari. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta, fil-fehma tiegħu, mill-premessi 24 u 26 tad-Direttiva 2011/98 kif ukoll mill-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma humiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom [9], li jistabbilixxi b'mod partikolari li dan ir-regolament japplika wkoll għal membri tal-familja "bil-kondizzjoni li huma jkunu residenti legalment fit-territorju ta' Stat Membru" [10].

26. Il-Gvern Taljan jenfasizza li, fir-rigward tad-dritt għal ugwaljanza fit-trattament tar-residenti fit-tul, li għandhom "status aktar privileġġjat" minn detenturi ta' permess uniku skont il-premessa 8 tad-Direttiva 2011/98, l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/109 jawtorizza lill-Istati Membri jirrestrinġu dan id-dritt fejn ir-residenza tar-resident fit-tul "jew dak tal-membri tal-familja li għalihom hu/i jagħmel talba għall-benefiċċji" tinsab fit-territorju tagħhom. Huwa għaldaqstant iqis li interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98 fis-sens li jagħti vantaġġi lil membri tal-familja ta' detenturi ta' permess uniku f'kundizzjonijiet inqas stretti minn dawk applikabbli għal membri tal-familja tar-residenti fit-tul hija illoġika. Lanqas ma hemm kontradizzjoni, fil-fehma tiegħu, mas-sentenza Martinez Silva [11], peress li din is-sentenza kkonċernat tip ieħor ta' benefiċċji u l-membri kollha tal-unità tal-familja tal-applikant kienu jirrisjedu fl-Istat Membru ospitanti. Kif huwa enfasizza waqt is-seduta, l-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 jaffettwa l-ammont u mhux id-dritt għall-allowance, u dan skont l-għan tad-Direttiva 2011/98 li tinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz fl-Istati Membri.

27. Il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni. Hija tosserva li l-allowance għan-nuklei familjari hija benefiċċju tal-familja fis-sens tar-Regolament Nru 883/2004 għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u li WS jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' dan l-artikolu, minħabba li huwa ċittadin ta' pajjiż terz kopert mill-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva 2011/98. Hija tenfasizza li l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98 ma jillimitax ugwaljanza fit-trattament fir-rigward ta' sigurtà soċjali skont ir-residenza tal-membri tal-familja tal-ħaddiem ta' pajjiż terz. WS lanqas ma jaqa' taħt id-derogi li Stat Membru jista' jistabbilixxi skont l-Artikolu 12(2)(b) ta' din id-direttiva, bil-kundizzjoni li dan l-Istat ikun iddikjara b'mod ċar l-intenzjoni tiegħu li jinvokahom [12], li ma huwiex il-każ hawnhekk. Kif juri l-Artikolu 12(2)(c) tad-Direttiva 2011/98 dwar il-benefiċċji fiskali, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jkollu l-intenzjoni li jirrestrinġi l-ugwaljanza fit-trattament minħabba r-residenza tal-membri tal-familja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, huwa jagħmel dan espressament.

28. Il-Kummissjoni ssostni li l-premessa 24 tad-Direttiva 2011/98 ma tillimitax l-applikazzjoni tal-ugwaljanza fit-trattament, iżda tagħmilha ċara li din id-direttiva ma tagħtix fiha nnifisha drittijiet f'sitwazzjonijiet fejn ma hemmx regoli armonizzati fid-dritt tal-Unjoni. Peress li l-ugwaljanza fit-trattament skont id-Direttiva 2011/98 tiddependi fuq id-drittijiet irrikonoxxuti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti, meta din il-leġiżlazzjoni tipprevedi, bħal fl-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 153/1988, l-għoti ta' benefiċċji tal-familja lil membri tal-familja ta' dawn iċ-ċittadini li jirrisjedu barra mill-pajjiż, tali benefiċċji għandhom, skont l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98, jingħataw ukoll lil membri tal-familja ta' ħaddiema ta' pajjiż terz fl-istess sitwazzjoni. Kif hija enfasizzat fis-seduta, argumenti bbażati fuq il-premessa 20 tad-Direttiva 2011/98 u

9 ĠU 2010, L 344, p. 1.

10 Il-Gvern Taljan jirreferi f'dan ir-rigward għas-sentenza tal-24 ta' Jannar 2019, Balandin *et* (C-477/17, EU:C:2019:60).

11 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017 (C-449/16, EU:C:2017:485).

12 Il-Kummissjoni tirreferi, f'dan ir-rigward, għas-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva (C-449/16, EU:C:2017:485).

fuq l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1231/2010 huma infondati, peress li jikkonċernaw każijiet fejn drittijiet awtonomi jingħataw lil membri tal-familja, u ma hemmx inkonsistenza bejn l-interpretazzjoni proposta tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 u dik tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/109 dwar residenti fit-tul, peress li dawn id-dispożizzjonijiet jindirizzaw sitwazzjonijiet legali differenti.

V. L-analiżi

29. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, sabiex tiddeċiedi jekk il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn id-detenturi ta' permess uniku stabbilit fl-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 fir-rigward tas-sigurtà soċjali għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988, li teskludi lill-membri tal-familja ta' ċittadin ta' pajjiż terz li għandu permess uniku, iżda mhux lil dawk ta' ċittadin tal-Istat Membru ospitanti, fil-każ li fih ma jkunux jirrisjedu f'dan l-Istat għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-intitolament ta' dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għal benefiċċju tal-familja.

30. Kif jidher mid-deċiżjoni tar-rinviju, id-domanda magħmula f'din il-kawża tirriżulta mill-fatt li, kif jidher fil-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet, skont l-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 153/1988, in-nukleu familjari, li abbażi tiegħu tiġi ddeterminata l-allowance, huwa kompost mill-persuni kollha li għandhom relazzjoni familjari partikolari ma' ħaddiem fl-Italja, indipendentement minn jekk il-membri tal-familja jirrisjedux fl-Italja jew imkien ieħor fid-dinja. Madankollu, skont l-Artikolu 2(6-bis) ta' din il-liġi, għal persuni li jaħdmu fl-Italja u li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, in-nukleu familjari huwa kompost biss minn dawk il-membri tal-familja li jirrisjedu fl-Italja, u mhux minn dawk li jirrisjedu barra mill-pajjiż (sakemm ma jkunx hemm trattament reċiproku jew ftehim speċifiku) [13].

31. Nosserva li d-domanda magħmula f'din il-kawża għadha ma ġietx eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, l-ewwel nett huwa neċessarju li jiġu pprovduti numru ta' osservazzjonijiet preliminari dwar id-Direttiva 2011/98 u l-qafas tal-migrazzjoni legali tal-Unjoni, flimkien mas-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva [14] (Taqsima A). Sussegwentement ser indur għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98, billi nispjega għaliex, fil-fehma tiegħi, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni ma hijiex konformi ma' din id-dispożizzjoni (Taqsima B).

A. Osservazzjonijiet preliminari

1. Id-Direttiva 2011/98 u l-qafas tal-migrazzjoni legali tal-Unjoni

32. Għandu jitfakkar li d-Direttiva 2011/98 hija strument legali prinċipali fl-hekk imsejjaħ qafas tal-migrazzjoni legali tal-Unjoni, li huwa parti mill-politika komuni ta' immigrazzjoni tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja [15]. Il-qafas tal-migrazzjoni legali tal-Unjoni jinkludi sett ta' direttivi li b'mod ġenerali jirregolaw il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' kategoriji ta'

13 Għandu jiġi nnotat li, kif ġie indikat minn WS, filwaqt li l-qorti tar-rinviju ssemmi l-pajjiż terz ta' oriġini fid-domanda preliminari, jidher ċar mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni li din id-domanda tqum ukoll li kieku l-membri tal-familja jirrisjedu f'pajjiżi oħra barra mill-Italja.

14 C-449/16, EU:C:2017:485.

15 Ara t-Titolu V, Kap. 2 TFUE, b'mod partikolari l-Artikolu 79 TFUE.

ċittadini ta' pajjiż terz u d-drittijiet tagħhom wara ammissjoni fl-Istati Membri [16]. Dispożizzjonijiet dwar ugwaljanza fit-trattament huma element importanti ta' dawn id-direttivi, u jippromwovu wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-politika tal-immigrazzjoni tal-Unjoni, li, kif stabbilit fil-premessa 2 tad-Direttiva 2011/98, huwa li jiġi żgurat trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri [17].

33. F'dan il-kuntest, ikkomparata mad-direttivi li jkopru ċerti tipi ta' ħaddiema ta' pajjiż terz [18], id-Direttiva 2011/98 tistabbilixxi qafas komuni ta' drittijiet għal ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom impjieg legali u huma diġà ammessi fi Stat Membru [19]. Hija għandha żewġ għanijiet prinċipali. L-ewwel wieħed huwa li tiġi ffaċilitata l-proċedura ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz għal xogħol fi Stat Membru billi tiġi introdotta proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku (permess konġunt tax-xogħol u ta' residenza). It-tieni wieħed huwa li jiġu ggarantiti sett ta' drittijiet komuni għal ħaddiema ta' pajjiż terz abbażi ta' ugwaljanza fit-trattament ma' ċittadini tal-Istat Membru ospitanti [20].

34. Għal dan l-għan, l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2011/98 jistabbilixxi li l-ħaddiema ta' pajjiż terz kif iddefiniti fl-Artikolu 3(1)(b) u (c) ta' din id-direttiva għandhom igawdu minn ugwaljanza fit-trattament ma' ċittadini tal-Istat Membru ospitanti f'oqsma speċifiċi, inklużi l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali skont il-punt (e), bla ħsara għad-derogi li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu skont l-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva. Dan ifisser essenzjalment li, skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċittadini ta' pajjiż terz li jkollhom permess uniku jiġu bħala prinċipju ttrattati bl-istess mod bħal ċittadini tal-Istat Membru ospitanti f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-għoti ta' tali benefiċċji.

2. Is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva

35. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva [21], hija rilevanti għal din il-kawża, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat kwistjonijiet differenti f'din is-sentenza. Hija kienet ibbażata fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti tal-appell Taljana, u ppreżentat l-ewwel opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98.

36. F'din is-sentenza [22], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi ċittadini ta' pajjiż terz li jkollhom permess uniku milli jirċievu benefiċċju tal-familja mogħti lil ċittadini tal-Istat Membru ospitanti għal unitajiet ta' familja li jkollhom minn tal-inqas tliet ulied minuri u li d-dħul tagħhom ikun inqas minn ċertu limitu. B'mod

16 Għal ħarsa ġenerali, ara, pereżempju, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Kontroll tal-idoneità fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-migrazzjoni legali, SWD(2019) 1055 final, tad-29 ta' Marzu 2019 (iktar 'il quddiem il-"Kontroll tal-idoneità mill-Kummissjoni"). Kif indikat fih, il-qafas tal-migrazzjoni legali tal-Unjoni jinkludi d-direttivi segwenti: (1) id-Direttiva 2003/86 dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja; (2) id-Direttiva 2003/109 dwar ir-residenti għat-tul; (3) id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijietta' impjieg bi kwalifiki għoljin (ĠU 2009, L 155, p. 17); (4) id-Direttiva 2011/98 dwar il-permess uniku; (5) id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali (ĠU 2014, L 94, p. 375); (6) id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali (ĠU 2014, L 157, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 154, p. 27); u (7) id-Direttiva 2016/801, dwar, *inter alia*, l-istudenti u r-riċerkaturi, li ħassret u ssostitwixxiet id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' cittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju (ĠU 2006, L 153M, p. 330), u d-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika (ĠU 2005, L 289, p. 15).

17 Ara l-Artikolu 79(1) TFUE; ara wkoll l-Artikolu 67(2) TFUE.

18 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

19 Ara l-Kontroll tal-idoneità mill-Kummissjoni, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 26.

20 Ara d-Direttiva 2011/98, b'mod partikolari l-Artikolu 1 u l-premessa 30; ara wkoll ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-Direttiva 2011/98, COM (2019) 160 finali, tad-29 ta' Marzu 2019, p. 1. Għal dibattitu fil-fond, ara, pereżempju, Friðriksdóttir, B., *What Happened to Equality? The Construction of the Right to Equal Treatment of Third-Country Nationals in European Union Law on Labour Migration*, Brill Nijhoff, 2017, pp. 193-226; Iglesias Sanchez, S., "Single Permit Directive 2011/98/EU", f'Hailbronner, K. u Thym, D. (edituri), *EU Immigration and Asylum Law – A Commentary*, C. H. Beck/Hart/Nomos, it-tieni edizzjoni, 2016, pp. 880-927.

21 C-449/16, EU:C:2017:485.

22 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva (C-449/16, EU:C:2017:485, punti 9, 30 u 31).

partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fid-dawl ta' ġurisprudenza dwar ir-Regolament Nru 883/2004 flimkien mal-predeċessur tiegħu, ir-Regolament Nru 1408/71[23], li l-benefiċċju inkwistjoni kien benefiċċju tas-sigurtà soċjali inkluż fost il-benefiċċji tal-familja msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 883/2004, u għalhekk kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98[24].

37. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, b'analoġija mal-ġurisprudenza dwar id-Direttiva 2003/109 dwar ir-residenti għat-tul[25], li d-Direttiva 2011/98 tagħti lil ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom permess uniku dritt għal ugwaljanza fit-trattament li jikkostitwixxi r-regola ġenerali, u telenka d-derogi minn dan id-dritt li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu, sakemm ikunu esprimew b'mod ċar li huma kellhom l-intenzjoni li jinvokawhom. Peress li l-Italja ma wrietx tali intenzjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-għoti tal-benefiċċju inkwistjoni, adottata qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2011/98 fid-dritt nazzjonali, ma setgħetx titqies li timplimenta l-limitazzjonijiet għad-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu skont l-imsemmija direttiva[26].

38. Konsegwentement, mis-sentenza f'Martinez Silva jsegwi li, f'ċirkustanzi fejn leġiżlazzjoni nazzjonali toħloq differenza fit-trattament bejn ċittadini ta' pajjiż terz li jkollhom permess uniku u ċittadini tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-għoti ta' benefiċċju tal-familja u ma jistgħu jiġu applikati ebda derogi, id-dritt għal ugwaljanza fit-trattament mogħti lil dawn iċ-ċittadini ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 għandu jiġi rrispettat. Din is-sentenza għaldaqstant issostni l-fehma li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni tmur kontra l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98. Ser nirritorna għal din is-sentenza iktar 'il quddiem fl-analiżi tiegħi (ara l-punti 42 u 46 ta' dawn il-konklużjonijiet).

B. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98

1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

39. Għandu jiġi nnotat preliminarjament li, kif indikat fil-premessa 26 tad-Direttiva 2011/98, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, huwa kull Stat Membru li għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali kif ukoll l-ammont ta' dawn il-benefiċċji u l-perijodu tal-għoti tagħhom. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni.

40. Isegwi li d-Direttiva 2011/98 ma tipprekludix li Stat Membru, pereżempju, jeskludi mill-għoti tal-benefiċċji tal-familja lill-ħaddiema li l-membri tal-familja tagħhom jirrisjedu f'pajjiżi terzi, jew li jeskludi dawk il-membri tal-familja mill-bażi tal-kalkolu tal-ammont ta' tali benefiċċji. Madankollu, l-Artikolu 12(1)(e) ta' din id-direttiva jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess uniku igawdu minn ugwaljanza fit-trattament maċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tas-sigurtà soċjali. Għalhekk, sa fejn il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ospitanti (*in casu* l-Italja) tagħti benefiċċju tal-familja liċ-ċittadini tiegħu irrispettivament minn fejn jirrisjedu l-membri tal-familja tagħhom, l-istess trattament għandu bħala prinċipju jingħata liċ-ċittadini ta' pajjiż

23 Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

24 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva (C-449/16, EU:C:2017:485, punti 20 sa 25).

25 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva (C-449/16, EU:C:2017:485, punt 29) (li tirreferi, b'analoġija, għas-sentenza tal-24 ta' April 2012, Kamberaj (C-571/10, EU:C:2012:233, punti 86 u 87)).

26 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017, Martinez Silva (C-449/16, EU:C:2017:485, punt 30).

terz li jkollhom permess uniku u li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli skont din id-dispożizzjoni. Konsegwentement, jidhirli li l-esklużjoni tal-membri tal-familja ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li ma humiex residenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma hijiex konsistenti ma' din id-dispożizzjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

41. L-ewwel nett, huwa paċifiku li ħaddiem ta' pajjiż terz bħal WS jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 u huwa għalhekk intitolat għal ugwaljanza fit-trattament skont din id-dispożizzjoni. Kif indikat mid-deċiżjoni tar-rinviju, WS għandu permess uniku fis-sens tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2011/98 u huwa kklassifikat bħala ħaddiem ta' pajjiż terz li ġie ammess fi Stat Membru sabiex jaħdem konformement mad-dritt tal-Unjoni jew mad-dritt nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva 2011/98.

42. It-tieni nett, jidher ċar li, kif indikat mill-qorti tar-rinviju flimkien mal-Gvern Taljan, l-allowance għan-nuklei familjari tikkwalifika bħala benefiċċju tas-sigurtà soċjali inkluż fost il-benefiċċji tal-familja msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 883/2004[27], u għaldaqstant taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98. Fil-fatt, fis-sentenza Bettaccini[28], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan huwa l-każ fil-kuntest tar-Regolament Nru 1408/71. Fi kwalunkwe każ, kif isegwi mis-sentenza Marinez Silva[29], l-allowance għan-nuklei familjari tista' titqies li tissodisfa l-kriterji ta' benefiċċju tal-familja skont ir-Regolament Nru 883/2004 għall-finijiet tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98, peress li hija benefiċċju fi flus li huwa mogħti mingħajr ebda evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali tar-rikorrent, fuq il-bażi ta' sitwazzjoni ddefinita legalment, u hija intiża li tissodisfa l-ispejjeż tal-familja.

43. It-tielet nett, ma hemm l-ebda dubju li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom permess uniku huma suġġetti għal trattament inqas favorevoli minn ċittadini tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-intitolament għall-allowance għan-nuklei familjari li huwa pprojbit mill-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98. Jidher li l-Artikolu 2(6-bis) tal-Liġi Nru 153/1988 jintroduċi skema differenti għal ċittadini ta' pajjiż terz (sakemm ma jkunx hemm trattament reċiproku jew ftehim speċifiku) mill-iskema ġenerali li tapplika għal ċittadini Taljani li lilhom hija pagabbli l-allowance irrispettivament mir-residenza tal-membri tal-familja. Skont din il-leġiżlazzjoni, ċittadini ta' pajjiż terz, b'differenza miċ-ċittadini Taljani, ma jistgħux jinkludu membri tal-familja li ma humiex residenti fl-Italja fil-kompożizzjoni tan-nukleu familjari sabiex jiġi ddeterminat l-intitolament għal din l-allowance. Dan għandu l-effett li jnaqqas l-ammont tal-allowance li jista' jirċievi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jew li jelimina l-ħlas tagħha kompletament, skont in-numru ta' membri tal-familja residenti fl-Italja, meta mqabbel mal-allowance mogħtija lil ċittadini tal-Istat Membru ospitanti li l-membri tal-familja tagħhom jittieħdu inkunsiderazzjoni anki jekk ma humiex residenti fl-Italja.

44. Għaldaqstant, kuntrarjament għall-osservazzjonijiet tal-INPS u tal-Gvern Taljan, u kif ġie indikat minn WS, tali leġiżlazzjoni nazzjonali għandha titqies li taffettwa d-dritt ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-allowance għan-nuklei familjari u mhux biss l-ammont tagħha, peress li din il-leġiżlazzjoni effettivament iċċaħħad lil dawn iċ-ċittadini mid-dritt tagħhom għal din l-allowance għall-perijodi rilevanti fejn il-membri kollha tal-familja tagħhom ma jkunux residenti fl-Italja, kif juru ċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża.

27 Ara, f'dan ir-rigward, id-Dikjarazzjoni tar-Repubblika Taljana skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 883/2004, li tikklassifika l-allowance għan-nuklei familjari fil-Liġi Nru 153/1988 bħala benefiċċju tal-familja skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=868&intPageId=2285&langId=en, p. 5.

28 Ara s-sentenza tat-22 ta' Settembru 1994 (C-301/93, EU:C:1994:341, b'mod partikolari l-punti 6, 18 u 19); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Bettaccini (C-301/93, EU:C:1994:139, punti 16 u 17).

29 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2017 (EU:C:2017:485, punti 20 sa 23). Fil-kuntest tar-Regolament Nru 883/2004, ara wkoll, pereżempju, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, FV u GW (Wild tal-konjuġi ta' ħaddiem fruntalier) (C-802/18, EU:C:2020:269, punti 35 sa 38).

45. Għandu jiġi miżjud ukoll li, sa fejn l-INPS jiċħad l-eżistenza ta’ diskriminazzjoni fuq il-bażi li s-sitwazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li għandhom permess uniku u ċittadini tal-Istat Membru ospitanti hija differenti minħabba r-rabtiet rispettivi tagħhom ma’ dan l-Istat, tali argument ma jistax jiġi aċċettat, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ta d-dritt għal ugwaljanza fit-trattament lil tali ċittadini ta’ pajjiż terz skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98. L-istess jista’ jingħad għall-argumenti invokati mill-INPS u mill-Gvern Taljan rigward id-diffikultajiet fil-kontroll ta’ allowances, il-prevenzjoni ta’ prattiki abbużivi fis-sigurtà soċjali u l-preżervazzjoni tal-funzjoni tal-allowance għan-nuklei familjari, peress li, kif indikat minn WS, dawn il-kwistjonijiet jistgħu jkunu l-istess fir-rigward ta’ membri tal-familja ta’ ċittadini Taljani li jirrisjedu barra mill-pajjiż, u d-Direttiva 2011/98 timponi ugwaljanza fit-trattament.

46. Ir-raba’ nett, ma hemmx dubju li d-derogi għall-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tas-sigurtà soċjali u b’mod partikolari benefiċċji tal-familja fl-Artikolu 12(2)(b) tad-Direttiva 2011/98 ma japplikawx għas-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali u, fi kwalunkwe każ, l-ebda informazzjoni ma ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-Italja ddikjarat li hija kellha l-intenzjoni li tinvokahom, konformement mas-sentenza Martinez Silva [30]. Kif muri fil-punt 7 ta’ dawn il-konklużjonijiet, dawn id-derogi huma marbuta mal-istatus tal-impjieg u mat-tul tas-soġġorn tal-ħaddiem ta’ pajjiż terz fl-Istat Membru ospitanti, u ma jsemmux il-possibbiltà li Stat Membru jirrestrinġi ugwaljanza fit-trattament abbażi tar-residenza tal-membri tal-familja ta’ dan il-ħaddiem.

47. Konsegwentement, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm indikazzjonijiet serji li d-domanda magħmula għandha tingħata risposta fl-affermattiv. Madankollu, fid-dawl ta’ ċerti fatturi nnotati mill-qorti tar-rinviju u ċerti argumenti mressqa mill-INPS u mill-Gvern Taljan, din il-kawża tqajjem kwistjonijiet kumplessi dwar kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali f’dawn iċ-ċirkustanzi. Il-kumplessitajiet ta’ din il-kawża jirriżultaw b’mod partikolari min-natura tal-benefiċċju inkwistjoni u mill-fatt li ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/98 jistgħu jiġu interpretati bħala li jeskludu mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-direttiva membri tal-familja ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li jirrisjedu barra mill-Istat Membru ospitanti.

2. Kunsiderazzjonijiet addizzjonali fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali

48. Qabelxejn insostni li naqbel ma’ WS u mal-Kummissjoni li d-dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza fit-trattament tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98 japplikaw għal leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni.

49. L-ewwel nett, ma iniex konvint mill-argumenti mressqa mill-INPS u mill-Gvern Taljan li essenzjalment l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 jeskludi l-allowance għan-nuklei familjari, peress li dan l-artikolu jkopri biss ċittadini ta’ pajjiż terz li jkollhom permess uniku u mhux il-membri tal-familja tagħhom li huma l-benefiċjarji ta’ din l-allowance.

50. Għandu jitfakkar li, kif jindikaw il-qorti tar-rinviju kif ukoll l-INPS, WS u l-Gvern Taljan, l-allowance għan-nuklei familjarji hija disponibbli għall-persuni kollha li jaħdmu fl-Italja, sakemm dawn ikunu jappartjenu għal nukleu familjari li d-dħul tiegħu ma jaqbiżx limitu speċifikat. Barra minn hekk, din titħallas mill-persuna li timpjega u hija ffinanzjata minn skema bbażata fuq kontribuzzjonijiet. Għandu għaldaqstant jitqies li d-dritt għal din l-allowance huwa marbut mas-sitwazzjoni tal-ħaddiem ta’ pajjiż terz li għandu permess uniku u li jaqa’ taħt l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98.

30 Ara s-sentenza tal-21 ta’ Ġunju 2017, Martinez Silva (EU:C:2017:485, punt 29).

51. Nirrikonoxxi li, kif indikat mill-qorti tar-rinviju, l-INPS u l-Gvern Taljan, il-membri tal-familja tal-ħaddiem ta' pajjiż terz huma benefiċjarji tal-allowance għan-nuklei familjari. Fil-fatt, b'mod ġenerali, in-natura ta' benefiċċju tal-familja hija li tibbenefika l-familja[31]. Madankollu, skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li l-membri tal-familja huma prerekwiżit għal din l-allowance u jibbenefikaw minnha, id-dritt għal din l-allowance huwa fil-prinċipju mogħti lill-ħaddiem ta' pajjiż terz li għandu permess uniku u mhux lill-membri tal-familja tiegħu. Fuq din il-bażi, tali ħaddiem għandu dritt għal ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-kundizzjonijiet imposti fuq ċittadini tal-Istat Membru ospitanti għal intitolament għal din l-allowance skont l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98.

52. It-tieni nett, jidhirli li l-premessa 20 tad-Direttiva 2011/98 ma hijiex applikabbli għal din il-kawża. Kif jirriżulta mill-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-premessa 20 tad-Direttiva 2011/98 tistabbilixxi b'mod partikolari li d-dritt għal ugwaljanza fit-trattament għandu jingħata mhux biss lil ċittadini ta' pajjiż terz ammessi fi Stat Membru biex jaħdmu, iżda wkoll lill-persuni li ġew ammessi għal għanijiet oħra u li ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dan l-Istat Membru, inkluż, *inter alia*, membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiż terz li ġew ammessi f'dan l-Istat Membru permezz tar-riunifikazzjoni tal-familja skont id-Direttiva 2003/86.

53. Konsegwentement, il-premessa 20 tad-Direttiva 2011/98 tindika li l-membri tal-familja ta' ħaddiema ta' pajjiż terz li jitħallew jaħdmu u li jkollhom permess ta' residenza huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-ugwaljanza fit-trattament tad-Direttiva 2011/98 bis-saħħa tal-Artikolu 3(1)(b) ta' din id-direttiva. Għalhekk, b'differenza minn din il-kawża, din il-premessa tirrigwarda sitwazzjoni li fiha l-membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiż terz li jkollu permess uniku jibbenefikaw direttament u f'isimhom stess mid-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98[32].

54. It-tielet nett, fil-fehma tiegħi, il-premessa 24 tad-Direttiva 2011/98 ma ssostnix interpretazzjoni tal-Artikolu 12 ta' din id-direttiva li tillimita l-applikazzjoni tad-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament mogħti lil ħaddiema ta' pajjiż terz fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża. Kif jirriżulta mill-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet, din il-premessa tiddikjara b'mod partikolari li d-Direttiva 2011/98 "m'għandhiex tagħti drittijiet fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li huma barra mill-ambitu tal-liġi tal-Unjoni, bħal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' membri tal-familja li jirrisjedu f'pajjiż terz. Din id-Direttiva tagħti drittijiet biss b'rabta ma' membri tal-familja li jingħaqdu ma' ħaddiem tal-pajjiż terz biex jirrisjedu fi Stat Membru abbażi tar-riunifikazzjoni tal-familja jew membri tal-familja li jkunu diġà residenti legalment f'dak l-Istat Membru".

55. Għandu jiġi nnotat li l-formulazzjoni msemmija iktar 'il fuq tal-premessa 24 tad-Direttiva 2011/98 ma hijiex riflessa fid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, u tista' tittieħed biss gwida minima fir-rigward tat-tifsira tagħha mill-istorja leġiżlattiva ta' din id-direttiva[33]. Madankollu, kif indikat mill-Kummissjoni, jidher li, permezz ta' tali formulazzjoni, din il-premessa sservi sabiex tiċċara li d-Direttiva 2011/98 ma tagħtix hija stess drittijiet lil ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom permess uniku f'sitwazzjonijiet fejn ma hemm ebda regoli armonizzati fid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, jidhirli li l-premessa 24 tad-Direttiva 2011/98 tista' tiġi interpretata li tfisser li l-Istati Membri ma humiex meħtieġa abbażi ta' din id-direttiva li jagħtu benefiċċji tal-familja lil membri tal-familja li ma jirrisjedux fl-Istat Membru ospitanti[34]. Madankollu, f'din il-premessa ma hemm xejn li jissuġġerixxi li l-Istati Membri huma eżenti

31 Ara, f'dan ir-rigward, Strban, G., "Family Benefits in the EU: Is It Still Possible to Coordinate Them?", *Maastricht Journal of European and Comparative Law*, 2016, vol. 23, pp. 775, 782-783.

32 Ara wkoll, f'dan ir-rigward, id-Direttiva 2011/98, premessa 21.

33 Ninnota b'mod partikolari li l-aħħar sentenza tal-premessa 24 tad-Direttiva 2011/98 tidher li ġiet miżjuda relattivament tard fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u ebda spjegazzjoni speċifika għall-inklużjoni tagħha ma hija disponibbli għall-pubbliku. Ara, f'dan ir-rigward, Dok 15657/10, tat-12 ta' Novembru 2010, pp. 17 u 18; Dok 8130/11, tad-29 ta' Marzu 2011, p. 8; Dok 11527/11, tal-10 ta' Ġunju 2011, pp. 15 u 16. Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 Ara, f'dan is-sens, Verschueren, H., "Employment and social security rights of third-country nationals under the EU labour migration directives", *European Journal of Social Security*, 2018, vol. 20, pp. 100, 107.

mill-obbligu tagħhom li jiżguraw ugwaljanza fit-trattament għal ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom permess uniku skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98 fir-rigward tal-intitolament għal tali benefiċċji abbażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal ċittadini tal-Istat Membru ospitanti [35].

56. B'mod partikolari, din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-fatt li, kif issemma fil-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Artikolu 12(2)(b) tad-Direttiva 2011/98 ma jirreferix għar-residenza tal-membri tal-familja ta' ħaddiema ta' pajjiż terz fost id-derogi li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għad-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tas-sigurtà soċjali u b'mod partikolari tal-benefiċċji tal-familja. Barra minn hekk, l-Artikolu 12(2)(c) ta' din id-direttiva, li jipprevedi deroga mill-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-benefiċċji fiskali, jirreferi għar-residenza tal-membri tal-familja tal-ħaddiem ta' pajjiż terz fl-Istat Membru ospitanti. Ikun għaldaqstant illoġiku jekk membri tal-familja li jirrisjedu barra mill-pajjiż jitqiesu bħala esklużi mid-dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza fit-trattament skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98.

57. Din l-interpretazzjoni tidher ukoll li hija konsistenti mal-kuntest tad-Direttiva 2011/98. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li direttivi oħra fil-qafas tal-migrazzjoni legali tal-Unjoni jinkludu premessi b'ċerti formulazzjonijiet simili għall-premessa 24 tad-Direttiva 2011/98, li jindikaw li d-direttiva inkwistjoni ma tagħtix drittijiet fir-rigward ta' sitwazzjonijiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni bħal dawk ta' membri tal-familja li jirrisjedu f'pajjiż terz [36], u li fl-istess ħin jenfasizzaw l-applikazzjoni tad-dritt għal ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tas-sigurtà soċjali lil persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom [37]. Ċerti direttivi jipprevedu wkoll derogi speċifiċi għall-ugwaljanza fit-trattament rigward benefiċċji tal-familja li huma marbuta mat-tul tas-soġġorn tal-kategorija rilevanti ta' ċittadin ta' pajjiż terz fl-Istat Membru ospitanti [38], mingħajr ma jissemma l-post ta' residenza tal-membri tal-familja ta' dan iċ-ċittadin.

58. Ir-raba' nett, bl-istess mod lanqas ma jien konvint mill-argumenti li ressqu l-INPS u l-Gvern Taljan abbażi tar-Regolament Nru 1231/2010. Kif ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja [39], ir-Regolament Nru 1231/2010 jestendi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-regoli tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali skont ir-Regolamenti Nru 883/2004 u Nru 987/2009 għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz li ma humiex diġà koperti minn dawn ir-regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom. Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1231/2010, dawn ir-regolamenti japplikaw għal dawn iċ-ċittadini ta' pajjiż terzi kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom u għas-superstiti tagħhom, sakemm huma jkunu jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru u jkunu jinsabu f'sitwazzjoni li l-aspetti kollha tagħha ma jkunux illimitati fi ħdan Stat Membru wieħed biss. Dan ir-regolament, għalhekk, għandu l-għan li, sa fejn huwa possibbli, jagħti lil dawn iċ-ċittadini l-istess drittijiet bħal dawk li jgawdu ċ-ċittadini tal-Unjoni skont ir-Regolament Nru 883/2004 [40].

35 F'dan ir-rigward, kif iddeċidiet ripetutament il-Qorti tal-Ġustizzja, il-preambolu ta' miżura tal-Unjoni ma għandux forza legali vinkolanti u ma jistax jiġi invokat bħala motiv għal deroga mid-dispożizzjonijiet attwali ta' din il-miżura jew għal interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li b'mod ċar tmur kontra t-termini tagħhom. Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Puppinck *et* vs Il-Kummissjoni (C-418/18 P, EU:C:2019:1113, punt 76).

36 Fil-qafas tal-migrazzjoni legali tal-Unjoni, tali formulazzjoni oriġinat mid-Direttiva 2005/71, premessa 16. Jidher li hija kienet ibbażata fuq proposta Awstrijaka, li tindika li din id-direttiva "ma tistax tagħti drittijiet fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jaqgħu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja bħal pereżempju membri tal-familja li jirrisjedu fi Stat terz" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara, pereżempju, Dok 10243/04, tat-22 ta' Ġunju 2004, p. 12, nota ta' qiegħ il-paġna 1.

37 Ara, b'mod partikolari, id-Direttiva 2014/36, premessa 46; id-Direttiva 2016/801, premessa 55.

38 Ara, f'dan ir-rigward, id-Direttiva 2014/36, Artikolu 23(2)(i) u premessa 46; id-Direttiva 2014/66, Artikolu 18(3) u premessa 38, id-Direttiva 2016/801, Artikolu 22(2)(b) u premessa 56.

39 Ara s-sentenza tal-24 ta' Jannar 2019, Balandin *et* (C-477/17, EU:C:2019:60, b'mod partikolari l-punti 24 u 25).

40 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Balandin *et* (C-477/17, EU:C:2018:783, punti 42 sa 57, b'mod partikolari l-punt 46).

59. Konsegwentement, kif ġie indikat minn WS u mill-Kummissjoni, ir-Regolament Nru 1231/2010 jkopri sitwazzjonijiet fejn il-membri tal-familja jingħataw drittijiet abbażi tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiż terz u r-residenza tagħhom fl-Unjoni. Bis-saħħa tal-estensjoni tad-dispożizzjoni dwar l-ugwaljanza fit-trattament tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 883/2004 għal tali ċittadini ta' pajjiż terz, ir-Regolament Nru 1231/2010 jrendi inapplikabbli derogi mill-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tas-sigurtà soċjali fid-direttivi dwar il-migrazzjoni legali tal-Unjoni inkluża d-Direttiva 2011/98[41], li tispjega r-referenza għal dan ir-regolament fil-premessa 25 ta' din id-direttiva. Għalhekk, kif enfasizzat il-Kummissjoni, ir-Regolament Nru 1231/2010 ma jippermettix lill-Istati Membri jagħtu benefiċċji tal-familja liċ-ċittadini tagħhom li l-membri tal-familja tagħhom jirrisjedu barra mill-pajjiż u li jiċħdu tali benefiċċji lil ċittadini mobbli ta' pajjiż terz fl-istess sitwazzjoni. Fuq din il-bażi, ma narax kif ir-Regolament Nru 1231/2010 għandu jgħin l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98 invokata mill-INPS u mill-Gvern Taljan f'din il-kawża.

60. Il-ħames nett, ma jidhirlix li hemm inkonsistenza manifesta mad-Direttiva 2003/109. Għandu jiġi nnotat li l-premessa 8 tad-Direttiva 2011/98, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(2)(i) tagħha, tindika li r-residenti fit-tul ma humiex koperti minn din id-direttiva "minħabba l-istatus aktar privileġġjat tagħhom u t-tip speċifiku ta' permess ta' residenza tagħhom". Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/98, u mhux speċifikament l-ugwaljanza fit-trattament. Fi kwalunkwe każ, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98, li jiena qiegħed nipproponi f'din il-kawża, ma tiffavorixxix lid-detenturi ta' permess uniku meta mqabbla ma' residenti fit-tul, iżda pjuttost tiżgura ugwaljanza fit-trattament bejn ċittadini ta' pajjiż terz u ċittadini tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-intitolament għal benefiċċju tal-familja skont din id-direttiva, kif qiegħed nipproponi wkoll fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-303/19 fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109.

61. Għandu jiġi nnotat ukoll li, kif ġie kkonstatat fl-evalwazzjoni reċenti tal-Kummissjoni tad-direttivi tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni legali[42], hemm regoli u restrizzjonijiet speċifiċi differenti għall-ugwaljanza fit-trattament inklużi f'kull direttiva li jirriflettu b'mod wiesa' d-distinzjoni bejn il-kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiż terz koperti u t-tul ta' soġġorn tagħhom, flimkien mal-istorja leġiżlattiva tad-direttiva kkonċernata. Għalhekk, jidhirli li għalkemm it-trattament globali mogħti lil residenti fit-tul jista' ġeneralment jitqies li huwa pprivileġġat meta mqabbel mad-detenturi ta' permess uniku, kif muri mill-fatt li ma hemmx deroga speċifika għall-benefiċċji tal-familja u l-ugwaljanza fit-trattament testendi għas-sigurtà soċjali, għall-assistenza soċjali u għall-protezzjoni soċjali kif iddefiniti mid-dritt nazzjonali skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/109, l-applikazzjoni speċifika tal-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tas-sigurtà soċjali għal residenti fit-tul meta mqabbla ma' detenturi ta' permess speċifiku tiddependi fuq is-sitwazzjoni partikolari[43].

62. Finalment, ma iniex konvint mill-argument tal-INPS u tal-Gvern Taljan li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni hija konsistenti mal-għan tad-Direttiva 2011/98 li tinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz fl-Istati Membri. Kif ġie rrikonoxxut fil-premessa 2 ta' din id-direttiva, dan l-għan jintlaħaq billi tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament ta' ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom permess uniku li, kif ġie nnotat fil-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali tad-Direttiva 2011/98.

63. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li, kif jidher mill-premessa 19 tad-Direttiva 2011/98, id-dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza fit-trattament f'din id-direttiva huma intiżi li jistabbilixxu ekwidistanza minima fl-Unjoni u sabiex jiġi rrikonoxxut li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz jikkontribwixxu għall-ekonomija tal-Unjoni permezz tax-xogħol u tal-ħlasijiet fiskali tagħhom, u li dawn iċ-ċittadini

41 Ara, f'dan ir-rigward, il-Kontroll tal-idoneità mill-Kummissjoni, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet, b'mod partikolari l-Anness 5, pp. 108 sa 110; Cornelissen, R., "Regulation 1231/2010 on the inclusion of third-country nationals in EU social security coordination: Reach, limits and challenges", 2018, *European Journal of Social Security*, vol. 20, pp. 86, 91-93.

42 Ara l-Kontroll tal-idoneità mill-Kummissjoni, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet, b'mod partikolari pp. 41 u 42.

43 Ara, f'dan ir-rigward, Verschueren, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 108.

għandhom għaldaqstant jiġu ttrattati b'mod komparabbli ma' dak ta' ċittadini tal-Istati Membri, bl-għan li titnaqqas il-kompetizzjoni żleali bejniethom. Għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu permess uniku jkun f'sitwazzjoni komparabbli għal dik ta' ċittadin tal-Istat Membru ospitanti u b'mod partikolari jkun ikkontribwixxa permezz tax-xogħol tiegħu lil dan l-Istat, jidhirli li huwa kompletament konsistenti mal-għanijiet ta' integrazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament segwiti mid-Direttiva 2011/98 li dan iċ-ċittadin igawdi minn ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-intitolament għal allowance għan-nuklei familjari skont l-Artikolu 12(1)(e) ta' din id-direttiva.

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, jiena tal-fehma li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni li teskludi lill-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkollhom permess uniku, iżda mhux lil dawk ta' ċittadini tal-Istat Membru ospitanti, fejn huma ma jkunux jirrisjedux f'dan l-Istat għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-intitolament għal benefiċċju tal-familja, ma hijiex konformi mal-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98.

VI. Konklużjoni

65. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda magħmula mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja) kif ġej:

L-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha, kuntrarjament għal dak li huwa previst fir-rigward taċ-ċittadini tal-Istat Membru, il-membri tal-familja ta' ħaddiem detentur ta' permess uniku li ġej minn pajjiż terz jiġu esklużi miċ-ċirku tal-membri tan-nukleu familjari meħuda inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-allowance għan-nuklei familjari jekk ma jkunux jirrisjedu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.